# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 117/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Carl Bonnici**

Illum 14 ta' Marzu 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Carl Bonnici**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 479478(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. fit-12 ta' Mejju 2014 għall-ħabta tal-ħamsa u għaxra ta' filgħaxija (17:10hrs) attenta sabiex jaħrab minn post ta' kustodja li huwa l-Ghassa tal-Pulizija taż-Żejtun fejn ta bidu għall-esekuzzjoni ta' din il-ħarba;

2. fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanza attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita` kompetenti;

3. fit-13 ta' Mejju 2014 ġewwa l-Għassa taż-Żejtun inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat, u ċioè lil PC 159 Glendon Calleja, skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' priġunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza mogħtija fl-14 ta' Jannar 2014 mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D..

Il-Qorti ġiet mitluba titratta lill-imputat bħala reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkunndannat għall-reati b'sentenzi, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' April 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(h), 28B, 31, 41(1)(a), 49, 50, 96(a), 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

- filwaqt li lliberat lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu minħabba li ma ġietx ippruvata,

- sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni (fejn l-ewwel (1) imputazzjoni ġiet meqjusa bħala mezz għall-fini tat-tieni (2) imputazzjoni) u kkundannatu seba' (7) xhur priġunerija u multa ta' erbat elef Euro (€4,000), u

- sabitu ħati wkoll tar-raba' (4) imputazzjoni fejn il-Qorti ordnat illi s-sentenza ta' priġunerija sospiża tal-14 ta' Jannar 2014 mogħtija mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli kellha tibda sseħħ minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-25 ta' April 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontrih u lliberatu minnha,* ***TĦASSARHA, TIRREVOKAHA u TIKKANĊELLAHA*** *f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u b'hekk* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħhom u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minnhom; jew sussidjarjament* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi odjerni."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2024, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, b'dan illi l-konsulent legali tal-appellant stiednet lill-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni wkoll ta' dak li ġara mindu l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-8 ta' April 2019.

Illi l-fatti fil-qosor kienu s-segwenti: L-appellant kien qiegħed fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun fejn mar biex jiffirma. Dak il-ħin kien infurmat li kien hemm Mandat ta' Arrest kontrih u kien allegat li hu pprova jaħrab mill-post, irreżista l-Pulizija u hedded uffiċjal tal-Korp.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Caroline Fabri** xehdet li fit-12 ta' Mejju 2014 l-appellant kien mar l-Għassa ħa jiffirma u qalulu li kien hemm Mandat ta' Arrest fil-konfront tiegħu. Tgħid li l-appellant talab biex imur id-dar u jitla' l-Qorti l-għada fil-għodu iżda qalulu li l-Mandat ta' Arrest kellu jkun esegwit. Tispjega li l-appellant ta s-salt biex jaħrab mill-Għassa u beda jirreżisti lil tliet Pulizija. Huma daħħluh l-Għassa, immanettjawh u ħaduh il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Tixhed li l-għada meta l-appellant mar biex jiffirma kien hemm kuntistabbli li l-jum ta' qabel kien għen biex l-appellant allura imputat jiddaħħal fl-Għassa u l-imputat hedded lil dan l-uffiċjal. Wara qal li dan kien sar b'ċajta. L-iSpettur Fabri tgħid li l-appellant lilha qalilha li kien iddispjaċih u qalilha wkoll li meta jiġi arrestat iħossu magħluq.

- **PC 159 Glenn Calleja** xehed li fit-12 ta' Mejju 2014 l-appellant allura imputat kien irreżista l-arrest u li hu (ix-xhud) kellu jintervjeni. Jgħid li hekk kif mar hu (Calleja) l-appellant daħal fil-vettura tas-servizz. Jispjega li l-għada l-appellant mar jisfidah għall-ġlied iżda wara ftit minuti mar jispjegalu li kien irrabjat meta qal dak il-kliem għaliex hu (l-appellant) kien mar il-Qorti għalxejn.

- **PS 645 Jerry Attard** ikkonferma li l-iSpettur Fabri mill-ewwel kienet oġġezzjonat li l-appellant allura imputat imur id-dar.

Jgħid li l-appellant ipprova jaħrab u poġġa fuq tarġa ħdejn l-Għassa u li wara kkalma u aċċetta li jkun arrestat. Jgħid li għall-ewwel l-appellant ipprova jirreżisti imma waqaf malli ra li kienu erba' Pulizija. Jgħid li l-appellant kien laħaq ġera xi għaxar metri.

- **PC 931 Carmel Zarb** xehed li hu ħareġ mill-Għassa tal-Pulizija u ra lill-appellant fuq tarġa. Ix-xhud mar mat-tliet Pulizija l-oħrajn. Jgħid li lill-appellant kienu qalulu li kien hemm il-mandati kontrih u kien jinħtieġ imur il-*lock-up*. Jixhed li l-appellant ried imur id-dar imma l-iSpettur qaltlu li kien hemm il-mandati li kellhom jiġu eżegwiti.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom separatament. Iżda qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu ta' dan l-appell hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi din il-Qorti tinnota li l-aggravji tal-appellant huma maqsuma fi tlieta: l-ewwel aggravju jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni, it-tieni aggravju huwa dwar it-tieni (2) imputazzjoni, u t-tielet aggravju huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant. Għal kull buon fini jingħad li fit-tieni aggravju l-appellant jgħid li jekk kemm-il darba hu ma jinstabx ħati taħt tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni ma jkunx hemm lok għas-sejbien ta' ħtija tar-raba' (4) imputazzjoni. Dwar dak li għadu kemm ingħad l-appellant għandu raġun u dana peress li jekk l-appellant jiġi liberat minn din il-Qorti mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjoni, meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li l-Ewwel Qorti kienet illiberatu mit-tielet (3) imputazzjoni (minn liema liberazzjoni ma kien hemm l-ebda appell), b'hekk isegwi li l-appellant ma jkunx jista' jinstab ħati tar-raba' (4) imputazzjoni stante li s-sejbien ta' ħtija f'din l-imputazzjoni tiddependi fuq is-sejbien ta' ħtija ta' xi imputazzjoni oħra.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu u dana sabiex tevalwa jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta meta sabet lill-appellant allura imputati ħati tal-imputazzjonijiet li nstabet ħtija fihom minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar l-ewwel (1) imputazzjoni li huwa nstab ħati tagħha mill-Ewwel Qorti. L-appellant jissottometti li Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta mhuwiex intiż biex jinkludi wkoll persuni li jkunu miżmuma taħt arrest b'mandat mingħajr ma jkollhom piena ta' priġunerija imposta fuqhom. Jisħaq li l-artikolu tal-liġi msemmi japplika għal dawk il-persuni li jkunu kkundannati jew saħansitra priġunieri u jgħid li dan mhuwiex applikabbli għalih f'dan il-każ. Jgħid li għalhekk Artikolu 160 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa inapplikabbli għall-każ. Jgħid li huwa kien qed jara jistax imur id-dar u jmur il-Qorti l-għada u li dak li għamel hu ma jikkostitwixxiex ħarba. Jgħid li sa dak il-ħin l-Għassa tal-Pulizija

taż-Żejtun ma kinitx il-post ta' kustodja għalih. Jargumenta li hu ma kienx taħt kundanna.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li fl-ewwel (1) imputazzjoni l-appellant allura imputat huwa akkużat b'tentattiv ta' ħarba mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żejtun. Jidher li l-appellant malajr ċeda u baqa' fuq it-tarġa.

Illi Artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem dwar min ikun ikkundannat u kull priġunier. L-Artikolu msemmi jagħti wkoll definizzjoni ta' "priġunier" bħala *"kull persuna li tkun miżmuma f'ħabs u tinkludi priġunier filwaqt li jkun qed jinġarr għal jew minn ħabs għal ieħor jew filwaqt li jkun qiegħed taħt kura jew osservazzjoni f'xi sptar."* Minn din id-definizzjoni jirriżulta li persuna tista' tkun il-ħabs u ma tkunx ikkundannata u xorta tista' tinstab ħatja taħt dan l-artikolu. Biss l-imputat/appellant ma jaqax taħt il-kategorija *"kull persuna miżmuma f'ħabs'"* għaliex hu ma kienx il-ħabs.

Illi Artikolu 160 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 151 sa 159 inklusivament jgħoddu fil-każ ta' ħarba ta' persuni, miżmuma skont il-liġi, minn lok maħtur għall-kustodja tagħhom."

Illi dan ifisser li l-artikolu issa m'għadux jorbot ma' persuna kkundannata jew priġunier biss iżda għal kull persuna li qegħda f'lok maħtur għall-kustodja tagħhom. Fil-każ odjern jirriżulta li l-appellant allura imputat mar l-Għassa tal-Pulizija biex jiffirma kif kien obbligat li jagħmel taħt xi kundizzjoni tal-liberta' proviżorja iżda dan kien mgħarraf li kien hemm Mandat ta' Arrest maħruġ kontrih mill-Qorti tal-Maġistrati sabiex huwa jidher il-Qorti. Malli l-appellant kien mgħarraf b'dan l-Għassa taż-Żejtun saret lok maħtur għall-kustodja tiegħu wkoll jekk kellu jittieħed il-*lock-up* tal-Furjana. Ta' min ifakkar li kien f'dak il-mument li l-Mandat ta' Arrest kien ġie esegwiet. Għalhekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju huwa dwar it-tieni (2) imputazzjoni ossia Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jirreferi għall-elementi ta' dan l-artikolu. Jisħaq li jrid ikun hemm l-attakk jew reżistenza u li l-għan irid ikun li jostakola l-eżekuzzjoni tal-liġi. L-attakk jew reżistenza jridu jkunu akkumpanjati bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb. Ir-reat irid ikun kommess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku u l-attakk jew ir-reżistenza jridu jsiru kontra l-uffiċjal pubbliku filwaqt li jkun qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi.

Illi l-appellant jargumenta li d-depożizzjonijiet tal-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Fabri u ta' PS 645 Jerry Attard juru li waqt li hu (l-appellant) kien ta s-salt biex jaħrab huwa nqabad bejn il-kolonni tal-Għassa. Jisħaq li minn dawn id-diżpożizzjonijiet jirriżulta li hu ma għamel xejn biex jirreżisti lill-Pulizija. Jgħid li hu kien anke talab skuża lill-Pulizija. Jisħaq li l-komportament tiegħu ma kienx wieħed aggressiv u li r-reazzjoni tiegħu kienet biss reazzjoni impulsiva u pprova jaħrab lejn id-dar biex jevita li jkun impoġġi taħt arrest u mhux biex juri reżistenza billi wettaq vjolenza fuq il-Pulizija jew iħebb għalihom. Jisħaq li fuq l-istess linja mexa l-Imħallef Harding f'sentenza mogħtija fil-21 ta' Mejju 1961 meta l-Imħallef għamel differenza bejn xewqa naturali għal-liberta' u l-mument meta persuna tirrespinġi idejha fuq il-membri tal-Pulizija.

Illi dwar ir-reat li jaqa' taħt Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Professur Sir Anthony Mamo jikteb hekk fin-Noti tiegħu:

> *'The first element of this crime consists in an attack or resistance. [...] It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of the lawful orders of the competent authorities that the crime of attack or resistance with which we are now dealing can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the*

> *law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those who are charged therewith. [...]*
>
> *Such attack or resistance must be made with violence or active force."*

Aktar tard il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid hekk:

> *"[...M]ere insults or threats without the actual use of force would not be sufficient."*

Illi fir-rigward tar-reat taħt Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Settembru 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lawrence Attard**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) qalet hekk:

> "Biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali jrid ikun hemm mhux biss attakk jew oppożizzjoni ossia reżistenza kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, iżda wkoll li dana l-attakk jew reżistenza isir bi vjolenza jew b'ħebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompeteni. Meta uffiċjal tal-Pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi ħadd, jew ikun effettivament qed jipproċedi biex jarresta lil xi ħadd, jew ikun ġa' arresta u qed iżomm lil xi ħadd arrestat, huwa jkun ċertament qiegħed jesegwixxi l-liġi. Iżda meta uffiċjal tal-Pulizija jkun qiegħed jipprova jipperswadi lil xi ħadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u għalhekk mingħajr ma dak il-Pulizija jeżerċita s-setgħa tiegħu li jarresta, ma jistax jingħad li dak il-Pulizija jkun qed jaġixxi "għall-esekuzzjoni tal-ligi" fis-sens ta' l-Artikolu 96, għalkemm huwa jkun qiegħed jagħmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95."

Illi mbagħad fis-sentenza mogħtija fid-9 ta' Settembru 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** (Numru 130/2002), l-istess Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Dana l-Artikolu [Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku" (l-istess bħalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), iżda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' xi ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorita' kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik użata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz"."

Illi din il-Qorti eżaminat bir-reqqa d-depożizzjonijiet tax-xhieda mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti u mhijiex sodisfatta li jirriżulta ppruvat sal-grad li trid il-liġi f'kawżi penali li l-appellant uża xi forza, u wisq anqas vjolenza, diretta lejn il-persuna ta' xi wieħed mill-uffiċjali tal-Pulizija li kienu qegħdin jeżegwixxu l-Mandat ta' Arrest. Il-vjolenza trid jew il-ħebb trid tkun fil-konfront tal-uffiċjali. Iżda din it-tip ta' vjolenza ma teżistix mill-provi prodotti. Għalhekk it-tieni aggravju jistħoqq li jkun milqugħ bil-konsegwenza li l-appellant ser jiġi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi dwar ir-raba' (4) imputazzjoni din il-Qorti tinnota li din tirreferi għas-sentenza mogħtija fl-14 ta' Jannar 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Saviour Demicoli). F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kienet ikkundannat lill-imputat iħallas multa ta' ħames mitt Euro (€500) u estendiet iż-żmien ta' sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema kien ġie sospiż, liema sentenza kienet ġiet mogħtija mill-istess Qorti (Maġistrat Dr. Audrey Demicoli) fil-15 ta' Frar 2013. Għal kull buon fini jingħad li ma sar ebda appell fuq ir-raba' (4)

imputazzjoni ħlief li jekk l-ewwel żewġ imputazzjonijiet ma jissussistux allura ma jkunx lok li din is-sentenza tiġi fis-seħħ. Minn dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza jirriżulta li din il-Qorti ser tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni pero' mhux l-istess jista' jingħad fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni. Stante li din il-Qorti ser tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-appellant fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni b'hekk isegwi li din il-Qorti ser tikkonferma wkoll s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. L-appellant jisħaq li din il-piena ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u l-aspett riformattiv. Jilmenta li l-piena mogħtija fil-konfront tiegħu hija waħda eċċessiva u jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti naqset li tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn din il-piena ma tkunx eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Eric Zammit** (Numru 139/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*."

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant li l-appellant instab ħati tagħhom, ċioè l-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni;

- it-tul ta' żmien mindu ngħatat is-sentenza appellata sakemm ingħatat is-sentenza llum fi stadju ta' appell;

- il-fedina penali aġġornata tal-appellant li ġiet eżebita quddiem din il-Qorti kif preseduta;

- is-*Social Inquiry Report* (*a fol.* 103 *et seq.*) redatt mill-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler fil-konfront tal-appellant u d-depożizzjoni mogħtija mill-istess Fleri Soler (*a fol.* 124 *et seq.*) quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

- id-depożizzjoni- mogħtija mill-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler (*a fol.* 162 *et seq.*) quddiem din il-Qorti kif preseduta u s-*Social Inquiry Report* aġġornat tiegħu (*a fol.* 168 *et seq.*) fil-konfront tal-appellant;

- id-depożizzjoni mogħtija minn Louis Buhagiar (in rappreżentanza tal-*Jobsplus – a fol.* 211 *et seq.*) quddiem din il-Qorti kif preseduta u d-dokument eżebiet minnu;

- id-depożizzjoni mogħtija mill-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri quddiem din il-Qorti kif preseduta;

- il-fatt li din il-Qorti ser tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni.

Illi dan kollu ta' hawn fuq iwassal lil din il-Qorti sabiex tilqa' t-tielet aggravju tal-appellant u b'hekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant ser tiġi varjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Carl Bonnici u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u li minnha ġie liberat;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellant mhux ħati tagħha u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħha;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellant seba' (7) xhur priġunerija u multa ta' erbat elef Euro (€4,000) u minflok tikkundannah xahrejn priġunerija;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni ġabet fis-seħħ is-sentenza mogħtija fl-14 ta' Jannar 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Saviour Demicoli) u minflok, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fir-rigward tat-tielet aggravju, qed tapplika Artikolu 28B(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk tastjeni milli tagħmel ordni bis-saħħa ta' Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu msemmi u għalhekk qed tħalli l-perjodu operattiv tas-sentenza kif indikat fis-sentenza mogħtija fl-14 ta' Jannar 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fejn il-Qorti kienet estendiet is-sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Audrey Demicoli) fil-15 ta' Frar 2013;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**